MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 435/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Charles Vella, karta ta' l-identita` numru 239983(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Novembru 2007 u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, u cioe` somma flus ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), liema somma flus ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titoli illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema flus ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Charles Vella għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fis-27 ta' Settembru 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Charles Vella hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sentejn mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' l-istess Charles Vella ppreżentat fil-5 ta' Ottubru 2012 fejn talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi tirrevoka u tħassar l-istess sentenza u ssibu mhux ħati kif akkużat;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li hawn si tratta ta' nuqqas amministrattiv u ma kien hemm l-ebda *dolo* da parti tiegħu; (2) ma ġie b'ebda mod pruvat li huwa għamel użu mod ieħor tal-flus konsenjati lilu; inoltre fejn si tratta ta' valuta legali, l-obbligu hu li tirrendi daqstant f'valuta legali daqs kemm ikun dovut.

**6.** Il-fatti huma brevement is-segwenti: L-appellant huwa nutar pubbliku. Fit-8 ta' Novembru 2007 huwa ppubblika kuntratt bejn is-soċjeta` L and A Camilleri Ltd (vendituri) u Malcolm Degiorgio u Graziella Vella (kompraturi). Fuq l-att huwa rċieva ċekk mingħand il-vendituri għas-somma ta' Lm3,290 biex jitħallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bħala taxxa provviżorja u ċekk mingħand il-kompraturi għas-somma ta' Lm1,662 biex titħallas it-taxxa dovuta minnhom. Dawn iż-żewġ cekkijiet ġew iddepożitati fil-kont tiegħu mal-HSBC fit-23 ta' Novembru 2007. Sa 21 ġurnata mid-data tal-kuntratt, l-appellant ma kienx għadu għamel il-ħlasijiet opportuni lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Wara xi żmien l-vendituri bdew jagħmlu verifiki dwar jekk kienx sar il-ħlas. Meta rriżultalhom li dan ma kienx sar, bdew jikkuntattjaw lin-Nutar. Jidher li mill-ewwel huwa nfurmahom li se jivverifika. Peress li baqgħu mingħajr risposta, komplew iċemplulu sakemm f'telefonata minnhom ġie nfurmat li se jsir rapport lill-Pulizija. Dan ir-rapport sar fil-21 ta' Lulju 2008. Fit-28 ta' Lulju 2008 l-appellant irreġistra t-trasferiment ma' l-Ufficcċċju tat-Taxxi Interni u saru l-ħlasijiet opportuni. Fit-8 ta' Awwissu 2008 ġie interrogat mill-Ispettur Ivan Cilia tat-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi u rrilaxxja stqarrija. Fiha qal illi kien

ipprova jdaħħal il-ħlas qabel iżda ma setax għaliex ma setax isib il-*promise of sale number*. Jidher li għadda ċertu żmien u nduna li ma kienx irreġistrat il-kuntratt meta nfurmawh il-klijenti. Fl-istqarrija qal: "Jien ħsibt li kien irreġistrat fil-fatt il-kopja ta' dan il-kuntratt ħriġtha fis-16 ta' Novembru 2007 u allura ftit jiem wara li ġie ffirmat u allura kien impoġġi mal-kuntratti l-lesti." Qal ukoll li t-taxxa kellu jieħu ħsiebha l-iskrivan li kellu dak iż-żmien, "u peress li ma kellix il-*promise of sale number* li fl-aħħar mill-aħħar jien kont responsabbli għalih, il-kuntratt tħalla pendenti u kif ġa` għidt indunajt biss dan l-aħħar meta ġibduli l-attenzjoni l-klijenti."

**7.** Fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti qalet illi meta l-appellant irrilaxxja l-istqarrija huwa ndika li ma kienx insinwa l-kuntratt u ħallas it-taxxa dovuta għaliex ma setax isib il-*promise of sale number* tal-konvenju relattiv mentri meta xehed f'dawn il-proċeduri ma semma xejn dwar dan u qal li l-kuntratt kien tpoġġa mal-kuntratti lesti. Huwa minnu illi meta xehed l-appellant ma semmiex li ma setax isib in-numru tal-konvenju, iżda semma li meta tippreżenta l-formula trid ukoll tippreżenta kopja tar-riċevuta tal-konvenju. Barra minn hekk, kif indikat fil-paragrafu preċedenti, anke fl-istqarrija kien semma illi l-kuntratt kien tpoġġa mal-kuntratti l-lesti. Għalhekk jidher li dak li ġara kien illi meta l-kuntratt ma ġiex irreġistrat fil-bidu għar-raġuni msemmi mill-appellant, beda jiddekorri ż-żmien u, bħalma qal l-appellant, il-kuntratt spiċċa ma' dawk lesti. Is-sitwazzjoni ġiet sanata fit-28 ta' Lulju 2008. Il-proċeduri kontra l-appellant inbdew fil-5 ta' Mejju 2011, ftit anqas minn tliet snin wara.

**8.** L-appellant isostni illi ma kien hemm l-ebda *dolo* da parti tiegħu, u inoltre li ma ġie b'ebda mod pruvat li huwa għamel użu mod ieħor tal-flus konsenjati lilu.

**9.** Mhuwiex kontestat li l-appellant irċieva l-flus in kwistjoni u li dawn ġew depożitati fil-kont tiegħu. L-i*statement* ta' dan il-kont għall-perijodu 18 ta' Ottubru 2007 sat-2 ta' Settembru 2008 juri diversi depożiti u żbanki b'mod li l-kont kultant juri *credit balances* u drabi oħra *debit balances*. Dan jindika li l-appellant kellu *overdraft facility*.

**10.** Issa, Francesco Antolisei f'**Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I** jgħid[1]: *"Il diritto penale ... considera altrui il denaro quando sia affidato per un uso determinato nell'interesse del proprietario. Tale estensione del concetto dell'altruita`, peraltro non implica la sussistenza dell'indebita appropriazione nel caso che il consegnatario si limiti a cambiare il denaro ricevuto con altro di valore equivalente, perche` nella generalita` dei casi il proprietario non ha alcun interesse all'individualita` del denaro consegnato."*

[1] P.240, quinta edizione, Giuffre`, 1966.

**11.** Din il-Qorti sejra tiċċita wkoll dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. Herbert Cassar** mogħtija fis-17 ta' Mejju 2012 fejn kien hemm sitwazzjoni simili u l-ammont riċevut mill-appellant ma kienx ġie użat tempestivament mill-appellant f'dak il-każ. F'dik is-sentenza ntqal hekk:

"Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-awtur Maino (Commento al Codice Penale Italiano Vol. IV para 1951 pg 103) fejn l-awtur jikkumenta dwar l-artikolu 417 tal-Kodici Penali Taljan li huwa simili hafna kwazi kelma b'kelma ghall-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

"Il-Maino jghid *'l'elemento materiale del delitto in esame consiste nell'appropriarsi la cosa, convertendola in profitto di se o di un terzo."* Ikompli jghid *'la dupplice formola dell'appropriazione e della conversione, quale fu mantenuta ed espresso nell'articolo 417, chiarisce il concetto dell'appropriazione, specificando che questa si compie colla conversione della cosa altrui a profitto proprio o di terzo.'* Maino jirriferi ghall-awtur Carrara *'la criminosita` incomincia soltanto quando colui inverte la "causa possidendi", e per arbitrio suo sostituisce la "causa dominii" (illegittima, perche` contro la volonta` del padrone) alla causa precedente che era legittima perche` non dissentita........ Abbiasi dunque come regola assoluta che quando si e` usato della cosa senza invertire la causa del possesso e cioe` se ne e` usato secondo la destinazione per la quale era stata consegnata dal proprietario, mai si avra` appropriazione indebita'.*

"Il-gurista Maino jkompli jghid *'al trove lo stesso autore ("il Carrara") aveva esposto ed esemplificato codesto concetto, dicendo che l'eccedere, nel modo o nel tempo, lo stesso uso per quale la cosa era stata consegnata costituisce solo un titolo di indemnita' contrattuale ......."*

"Fl-aghar ipotesi dana huwa proprju dak li ghamel l-appellant meta rcieva l-flus u ecceda *"nel modo o nel tempo lo stesso uso per quale era la cosa era stata consegnata."* Jigifieri l-agir tal-appellant seta' wassal biss ghal kwistjoni civili bejnu u bejn Maria Galea izda qatt ghal reat kriminali.

"Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dr. Siegfried Borg Cole" li kienet tittratta kwistjoni identika ma' dan in ezami w din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li "anke mad-daqqa t'ghajn hu evidenti li l-kwistjoni li kien hemm bejn .........kienet wahda ta' natura purament civili." (Ara wkoll "Il-Pulizija vs Pierre Falzon" Qorti tal-Appell Kriminali 30 ta' April, 2010).

"Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-element materjali tar-reat ma jissussistix bhal ma lanqas jissussisti l-element intenzjonali w cioe` id-dolo.

"F'paragrafu 1953 tat-trattat fuq imsemmi l-Maino jghid *"il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`........... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebito e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, della violazione del contratto, dall'inadempiento della obbligazione."*

"Dan (*l'animo di lucro*) imkien ma rrizulta fl-operat tal-appellant.

"Fl-aghar ipotesi kull ma jista' jinghad fil-konfront tal-appellant huwa li ttraskura li jaghti l-attenzjoni dovuta ghall-hlas tat-taxxa mill-fondi illi kienu fdati f'idejh minn Maria Galea. B'dan in-nuqqas l-appellant seta' kien passibbli ghal proceduri civili izda certament mhux dawk penali."

**12.** Dak li jingħad f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern. Konsegwentement l-appell jimmerita akkoljiment.

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjoni dedotta u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------